# 'DEMGĦAT TAS-SILĠ'

## Daħla u Analiżi Strutturali

**Oliver Friggieri/Joseph M. Brincat**

## I DAĦLA

### Tradizzjonali u modern

Jissemmew sikwit dawn il-kelmiet, għad li l-għażla l-iżjed importanti bejniethom aktarx ma tissemmiex dejjem. Bi tradizzjonali nifhmu dawk il-kontenuti tematiċi u l-forom li l-awtur u l-qarrej letterarju tal-lum *wiret*, irċieva minn għand il-kittieba ta' żmien ilu. B'modern nifhmu l-identità ta' l-epoka ta' llum, l-elementi kollha li jiddistingwu lill-kittieb tal-lum minn dak ta' xejriet imgħoddija. Fi kliem ieħor, iż-żewġ termini jgħoddu għal epoki partikulari skond meta jintużaw. Fi żmien ir-romantiċiżmu (is-seklu dsatax, ftit jew wisq), ir-rinaxximent, il-barokk, l-illuminiżmu, in-neoklassiċiżmu u l-bqija kienu t-tradizzjoni li r-romantiċi, il-moderni ta' l-epoka, riedu jmorru lil hinn minnha. Illum tradizzjonali ma tfissirx ħlief imitatur li jtenni l-iskemi ta' l-istorja letterarja, waqt li modern hu kull min ifittex li jġedded l-għodod espressivi tiegħu biex iwettaq tarġa oħra fl-evoluzzjoni tal-ġrajja ta' l-arti tiegħu. Forsi dan kollu jinġabar fi kliem Hopkins li qal li hu jaqra kapulavur biex jagħmel *mod ieħor*, i.e., jammira t-tradizzjoni mingħajr ma jirrepetiha, iżda billi jfittex li joħloq tradizzjoni oħra, persunali.

### Il-moderniżmu ta' Azzopardi

F'dan id-dawl tista' tiftiehem l-identità ta' Mario Azzopardi bħala poeta li ried iġedded mill-qiegħ lill-poeżija Maltija li fi żmienu kienet waqgħet f'dekadenza mnissla minn ripetizzjonijiet, skemi magħrufa u stilizzati, temi mtennija għal kemm-il darba. Kittieb li jibqa' jgħix fid-dinja ta' ħaddieħor isir qarrej intelliġenti ta' epoka letterarja oħra, jew kritiku li jitħarreġ fl-istil ta' ħaddieħor, u l-bqija, iżda ma jsir qatt awtur, jiġifieri ħallieq. Din l-isfida — immexxija taħt l-influwenza tal-moviment poetiku Ewropew, Ingliż u Amerikan ta' dan is-seklu — dawlet lill-awturi ta' dawn l-aħħar snin biex joħolqu fil-Malti letteratura differenti, aġġornata u mxettla fil-ħamrija ta' l-esperjenza taż-żgħażagħ kontemporanji.

Jekk din il-poeżija tista' tidher diffiċli, kif tidher kull poeżija moderna oħra fl-ilsna barranin, ir-raġuni tinstab sewwa sew fil-kriżi serja tal-

bniedem tal-lum. Hi kriżi li ġejja, fost l-oħrajn, mill-approfondiment importanti li seħħ fi żmienna fil-qasam tat-tiftix xjentifiku, l-iżjed fil-psikoloġija. L-influss Freudjan fuq l-arti kien il-kawża tat-trawwim ta' mod ġdid ta' kif il-poeta (bħal kull artist ieħor) isawwar il-metafora. Il-metafora hi t-tqabbil suġġettiv ta' ħaġa ma' oħra, iżda mhux skond il-loġika tar-raġuni iżda skond il-loġika ta' l-intuwizzjoni. Ngħidu aħna, meta Azzopardi jgħid li "il-lejl imtedd minn tulu fuq l-egħlieqi" nafu li qiegħed igħid gidba; fl-istess ħin nifhmu l-verità li hemm moħbija f'din il-gidba (imfassla skond il-loġika ta' l-intuwizzjoni) u għalhekk nifhmu b'effett akbar l-istess verità dwar il-lejl. Il-bniedem tal-lum, aktar minn dak ta' żminijiet oħra, hu mmexxi l-ħin kollu mill-verità moderna li l-ħidma tal-moħħ tispjega u xi drabi tiġġustifika dak kollu li jsir taħt għajnejna. Il-poeta, bħala fittiex tal-veritajiet moħbija, jinqeda bis-setgħa tal-moħħ li jassoċja, isieħeb ħwejjeġ ma' oħrajn, u mit-taħlita immaġinattiva joħloq dinja oħra.

#### Id-dinja mbiddla f'karikatura

L-intelliġenza tfisser għarfien, iżda l-għarfien waħdu, fih innifsu, hu inutli. Intelliġenza vera tfisser għarfien kritiku. Minn hawn ġej il-karattru kritiku, mimli nuqqas ta' sodisfazzjon, ta' bosta artisti li donnhom qatt ma jsibu l-ekwilibriju tagħhom bħala bnedmin (i.e. bħala artisti). Azzopardi, iżjed minn awturi oħrajn, hu l-poeta tal-kritika soċjali ta' Malta. Malta, li minn żmien Ġan Anton Vassallo (1817-1868) sa żmien Dun Karm (1871-1961) sabet l-isbaħ epika nazzjonalistika tagħha f'versi li jxandru l-wirt storiku, kulturali, reliġjuż u pajsaġġistiku tagħha, issa tbiddlet f'oġġett ta' kritika. F'Azzopardi, kif ukoll f'awturi oħrajn (bħal Frans Sammut ta' *Il-Gaġġa* u *Samuraj*), Malta hi msarrfa f'oġġett ta' kritika qarsa, imnikkta, imqar jekk hi xi drabi ftit grotteska u ironika. Dawn l-awturi ta' l-insodisfazzjon, ta' l-anti-epika, huma parti mill-ġenerazzjoni kontestatarja tad-dinja moderna li, imxebbgħa bl-iskemi ta' l-għixien li rċeviet mill-imgħoddi, qiegħda tfittex valuri ġodda. Din it-tiftixa tinkludi, fost l-oħrajn, it-twarrib tal-valuri ħżiena u d-dħul ta' oħrajn ġodda. Il-qarrej ta' Azzopardi jsib bosta eżempji ta' kif Malta hi ppreżentata bħala palk ta' karattri msejkna, foqra fl-ispirtu, morda fil-viżjoni umana u reliġjuża. Il-gost tal-komiku f'Azzopardi hu mħallat mas-sogħba, mal-mogħdrija ta' poeta li m'hux aktar il-profeta-saċerdot ta' pajjiżu (bħal xi Dun Karm), iżda x-xettiku, l-imkeċċi u l-imwarrab f'soċjetà-tribù. F'dan id-dawl il-qarrej jagħmel tajjeb jekk (i) ifittex influwenza negativa ta' Dun Karm fuq Azzopardi (eg., billi jfittex metafori tipiċi ta' Dun Karm li f'Azzopardi huma msarrfa f'metafori li jikkritikaw, idaħħku u jironizzaw, minflok ifaħħru, jiċċelebraw u jqimu); u (ii) igħarrex għall-mod kif Azzopardi jidħak u jibki fuq pajjiżu fl-istess ħin, billi joħroġ it-tnehida mid-daħka, u billi jinqeda b'persunaġġi u b'sitwazzjonijiet li jidhru komiċi waqt li fil-fatt huma traġiċi. Iż-żewġ fili tad-daħka-bikja huma mmexxijin flim-

kien il-ħin kollu, u s-sens ta' mħabba-mibegħda tal-poeta lejn artu (bħas-sens ta' Frans Sammut, kritiku qalil ieħor ta' pajjiżu) huma l-burdata ewlenija ta' *Demgħat tas-Silġ*.

**Ir-riformatur fallut**

Studju serju tal-ġrajja politika u soċjali ta' Malta u tal-ġrajja letterarja Maltija huma żewġ xorta ta' studji li jekk imorru flimkien, juru rabta sħiħa bejniethom ta' kawża u effett u l-kuntrarju. Fil-qasam tal-letteratura moderna, wara li l-awturi romantiċi ta' qabel fittxu li jibnu lil Malta bħala nazzjon, l-awturi l-ġodda fittxu jew għadhom ifittxu li jibnu lil Malta bħala soċjetà. Malta nbniet bħala nazzjon, iżda Malta ma nbnietx bħala soċjetà: hi l-konklużjoni ċara ta' min iqabbel minn dan l-aspett lill-kitba ta' żmien Dun Karm u sħabu ma' dik ta' żmien Azzopardi u sħabu. B'soċjetà nifhem għaqda ta' ċittadini maturi, intelliġenti u kritiċi, imħuħ li jfittxu valuri veri.

Għalhekk ukoll il-poeżija ta' Azzopardi, xi drabi mimlija għadab, u drabi oħra mbikkija bil-moħbi u mistura taħt il-gost tal-grottesk, tlaqqa' flimkien u ġġelled lil dawn iż-żewġ aspetti: (i) ix-xewqa ta' Azzopardi li jirriforma liċ-ċittadini ta' pajjiżu u (ii) l-aljenazzjoni, jew nuqqas ta' xewqa, taċ-ċittadini li jirriformaw ruħhom. Din ukoll hi l-ġlieda djalettika ta' Frans Sammut, u wkoll ta' Francis Ebejer, kif tixref f'xi siltiet mir-rumanzi u l-iżjed f'*Menz* (jekk jingħata interpretazzjoni lokalizzata) u fl-aħħar drammi 'Maltin' tiegħu. Dan il-motiv ukoll hu, ftit jew wisq, il-qofol tematiku ta' l-aħjar letteratura li nkitbet fostna f'dawn l-aħħar ħmistax jew għoxrin sena.

**Il-lingwa bħala kontenut**

Il-lingwa ta' kull poeta hi differenti mil-lingwa *standard*. E.g., l-ittri ta' Dun Karm huma miktuba b'Malti normali, waqt li l-poeżiji tiegħu jiddevjaw, ikissru *b'ħila* biex ifasslu lingwaġġi ġodda. Fil-każ tal-kitba moderna, dan hu punt iżjed importanti minn qatt qabel. Il-kontenut jindika kriżi iżjed serja minn kull kriżi oħra li qatt tfissret fl-arti (għax l-arti teżisti biss fejn hemm il-kriżi) u l-lingwa ta' dan il-kontenut modern hi espressjoni fidila tal-kriżi psikoloġika. Barra minn dan, il-letteratura moderna tad-dinja għamlet passi tant kbar fi żmien relativament qasir li l-awtur Malti ħass li hu ma setax jibqa' lura f'dinja li kienet ilha li għaddiet. It-tiftixa ta' viżjoni ġdida hi t-tiftixa ta' lingwa ġdida. Il-Malti ta' Azzopardi, bħal dak ta' awturi żgħażagħ oħrajn, hu differenti ħafna minn dak ta' kittieba ta' qabel. Hu mimli binjiet sintattiċi ġodda, iżjed kreativi, ilkoll xhieda ta' moħħ attiv u inventiv, għatxan biex joħloq u mhux biex jirriproduċi. Stħarriġ dettaljat ta' dan il-punt jista' jibda billi wieħed (i) jagħżel silta partikulari minn xi poeżija fejn tidher sewwa din il-grammatika persunali; (ii) jifhimha sewwa, billi jifhem kif din hi differenti minn traskrizzjoni normali; (iii) jerġa' jiktibha skond il-grammatika *standard* biex jara d-differenza u x-xejriet ta' din id-differenza. Sewwa sew fil-kontenut tad-differenza tinstab il-ħila artistika ta' l-awtur.

Dan ma jfissirx li kull tkissir grammatikali hu kreativ. Il-biċċa l-kbira tat-tkissir (fit-taħdit, fil-ġurnali, fixxandir, eċċ.) m'hux letterarju jew kreativ f'dan is-sens, u hu tkissir differenti minn dan. Iżda min-naħa l-oħra *kull* letteratura valida, l-iżjed jekk hi moderna (iżda anki dik li hi tradizzjonali), hi mimlija tkissir intelliġenti u frisk tal-forom normali tal-grammatika.

Eżempji oħrajn ta' ħruġ minn dak kollu li hu normali jinstabu f'bosta oqsma oħrajn, ngħidu aħna, fil-ħolqien tassew effettiv ta' ritmi ġodda, varjati u iżjed marbutin mal-mixja partikulari tar-ruħ tal-poeta (i.e. tal-ħsieb li jsir kelma miktuba); fit-tlaqqigħ flimkien ta' ħsejjes bis-saħħa ta' kliem li qabel anqas biss kien jinkiteb fil-Malti, u wisq anqas fil-poeżija; fid-dħul ta' suġġetti u impressjonijiet li jaħsdu sewwa sew biex jikkritikaw bil-qawwa. Il-qarrej, l-iżjed iż-żagħżugħ, jaqbel jew ma jaqbilx ma' l-aħħar kelma ta' Azzopardi, isib ruħu xorta waħda quddiem dinja serja-komika, Malta mnikkta u interjorizzata, u elementi oħra li lkoll isawru poeżija ta' valur u sfida għal min jaħseb dwaru nnifsu u dwar l-oħrajn bħala bnedmin u bħala membri ta' ġemgħa soċjali.

---

*Dr. Oliver Friggieri is Lecturer in Maltese at the University of Malta and author of various scholarly works.*

---

## II ANALIŻI STRUTTURALI

*DEMGHAT TAS-SILĠ* ta' Mario Azzopardi huwa ġabra pulita u ordnata ta' poeżiji miktubin bejn l-1971 u l-1976, imqassma f'ħames sezzjonijiet, kull waħda b'titlu li hu indikazzjoni tematika. Il-volum jixhed il-maturità artistika ta' Azzopardi għar-raġunijiet spjegati hawn taħt, u dawk imfissra minn Oliver Friggieri, li jiftaħ bi studju wiesa' u profond, l-aktar fir-ritmi.

L-iskop ta' dan l-artiklu mhux analiżi *laterali* (wirt u biografija artistika, protesta soċjali, patriottiżmu u reliġjożità jew nuqqas tagħhom), imma tentattiv ta' deskrizzjoni tal-*essenza* tal-poeżija ta' Azzopardi. Din dejjem laqtitni bħala l-iżjed illustrazzjoni ċara fil-letteratura tagħna tal--funzjoni soċjali tal-arti letterarja skond il-formalisti russi (1916) żviluppata fiċ-Ċirkolu ta' Praga (1929) u li ġab miegħu Jakobson fil-Punent, fejn ħadet fl-1960 u għadha tirrenja sal-lum: l-iskop tal-letteratura hu li tneħħi l-qoxra li fir-rutina ta' kuljum ma tħalliniex naraw l-oġġett, tikxef l-oġġett fl-essenza tiegħu, u ġġegħelna nħarsu lejh fit-tul biex narawh sew. B'hekk niskopru l-poeżija tal-oġġetti ta' madwarna, anki dawk komuni.

Biex ikollok poeżija ta' dan it-tip tinħtieġ għajn analitika ta' pittur u id kreattiva ta' poeta. Azzopardi għandu dawn iż-żewġ doni (perċezzjoni u teknika) u jużahom tajjeb, tant li f'dan il-ktejjeb l-essenza tal-poeżija tiegħu toħroġ ċara daqs il-kristall, għax il-ġabra tista' tinqara bħala diskors wieħed, mhux kontinwu f'sens progressiv (rakkont) imma

interrott f'mumenti iżolati u uniformi (il-poeżiji). Għalhekk fejn nikkwota ma nagħtix it-titlu imma l-paġna.

**Dettalji**

L-għajn tal-pittur tagħraf id-dettalji emblematiċi: "is-sardinell jgħajjat tal-bitħa" (paġna 33), "idejn żgħar/inewlu l-munita lill-agħma tal-kantuniera" (34), "karmni li tbigħ il-petrol taħt il-pont" (56), Mananni li "baqgħet teħxien/tgħallilu l-għaġin/ traqqagħlu l-peduni" (44), ħwejjeġ li jiġu quddiemna kuljum imma ma narawhomx. Il-poeta jwaqqaf għajnejna fuqhom u jkompli jistadna bl-użu ta' frażijiet li nisimgħu kuljum bla ma nagħtu kashom: "issa ipprova orqod ibni" (34), "hux għal binġemma għidt, sieħeb?" (55). Wara r-rappreżentazzjoni ta' l-oġġett familjari, il-poeta jqabbiżna mil-livell ordinarju għal-livell poetiku, permezz ta' molla lingwistika/teknika (l-istranjament), li appuntu għax mhix tas-soltu ġġegħelna nintebħu b'dak li ssoltu ma narawx: is-superstizzjoni li titfa' dellha fuq oġġett sabiħ, bħas-sardinell tal-bitħa (33), il-preġudizzju li jaħkem anki l-innoċenza tat-tfal, "u int bżajt minnu/ w ma messejtux" (34), il-kondizzjonijiet eżistenzjali ta' Karmni, "taqra l-ġurnal tal-ħaddiema/qatt ma qrat lil freud" (56), ta' Mananni li tagħmel il-faċendi "taħt ħars id-deputat/fil-gwarniċ tal-porporina" (44), saħansitra tat-tfal "jgħannu mal-bamboċċu" (33). F'dawn l-eżempji "il-molla" hi sempliċi akkostament ta' oġġetti/fatti li ssoltu jkunu separati; kultant it-teknika hija aktar sofistikata, bħas-sinesteżija: "qed tisma' l-werżieq jobrox l-orazzjoni/li nesa jgħid il-poplu?" (51), "minn ġosiġra tal-bajtar/tliet nisa ħafjin/ħarġu jirfsu l-lejl" (50), "rafa' l-emikranja minn fuq is-sodda/u x-xemx sakkarha wara l-ħasira" (98).

Wara l-livell tar-rappreżentazzjoni (lixka, avolja mhux bil-fors fl-ewwel versi), il-livell poetiku jagħti skoss lill-qarrej u jġiegħlu jiskopri x'hemm mistoħbi. Is-sejba hi dejjem negattiva u f'din l-oppożizzjoni bejn dak li jidher sabiħ (jew almenu normali) u dak li hu fil-fatt ikrah (korrott jew mhedded) tinsab it-tensjoni poetika tal-versi ta' Azzopardi. L-oppożizzjoni prinċipali tnissel serje ta' antitesi: ħajja-mewt (35,49), saħħa-mard (41, 67), ferħ-dwejjaq (35, 36, 89), imħabba-mibegħda (32), u s-serje terġa' tinġabar taħt dik azzjoni-apatija, li tinvolvi l-poeżiji kollha. Infatti mill-konstatazzjoni tal-paradoss eżistenzjali toħroġ ir-reazzjoni tal-poeta li jrid iċaqlaq l-affarijiet ("in-nies" hi l-aktar kelma li naqraw spiss f'dil-ġabra, josserva Friggieri) minn kif inhuma.

**Messaġġ**

Hawn qiegħda l-vokazzjoni tal-poeta, li jaf li għandu messaġġ x'jagħti (u għalhekk juża spiss l-anafora). B'konsegwenza minn naħa għandna d-denunċja, iċ-ċaħda tal-poeżija tradizzjonali moralistika u edifikanti, li Azzopardi jaraha bħala ewfemiżmu kontinwu; u għalhekk jagħti ċittadinanza poetika lil kliem tabù, li kultant isib postu b'mod naturali għalkemm b'effett kultant komiku bħat-turist li "għajnejh remissi jorqdu/għat-'tbandil oħxon ta' sorm in-nisa tagħna" (45), "u l-mogħ-

ża ċassa li tbul roża mas-sejjieħ" (55), imma li kultant jistona fl-isfog, bħal fil-każ tas-soru li ddoqq l-orgni (43). Min-naħa l-oħra naraw il-poeta għajjien, skoraġġat, jintebaħ li jekk kollox miexi fatalment lejn degradazzjoni, korruzzjoni morali u materjali li ġġib kollox fix-xejn, anki l-isforzi tiegħu jibqgħu għajta fid-deżert (il-massa tibqa' bħal Karmni, mekkanika). Għalhekk f'dil-ġabra għandna Azzopardi ġdid, l-ottimiżmu tal-ikonoklasta qed ibatti, il-poeta riesaq aktar lejn id-diżillużjoni tad-dekadenti milli lejn il-logħob bil-versi ferrieħi ta' Palazzeschi. Azzopardi għadu "speċjalista tar-ritratt istantanju" (Peter Serracino Inglott) imma meta jwaqqaf għajnejh fuq ir-ritratt jara kollox jitmermer. Din hi r-raġuni għaliex tant u tant poeżiji f'dil-ġabra għandhom ton ta' presentiment funerju (33, 46, 86, 87, 92, 95, 97, 103), jidhru bħala demgħat kiesħa ta' lfiqa waħda.

Mill-punt essenzjalment espressiv, il-volum hu tassew interessanti għax aktar viċin lejn il-livell tal-immaġinazzjoni, li dejjem kien għoli. Bi prova ta' dan insibu versi limpidi u ineffabbli: "kemm hu isfar il-qamar il-lejla!" (79), "meta l-irjieħ bojod tad-deżert/jisfuljaw l-imħabba" (106), "jien ukoll bexxaqt it-tieqa/u tlabt li tinżel ix-xita" (62); versi li juru l-qawwa espressiva tal-kliem ta' kuljum, u li jwissu lil Azzopardi biex jevita l-arkaiżmi, in-neoloġiżmi u r-riferimenti klassiċi, li jistgħu jiġu ġustifikati b'intenzjoni ta' parodija (liema poeta kontemporanju Taljan/Ingliż juża kliem ta' Dante/Chaucer?) jew dissagrazzjoni (il-mitoloġija, 101, 105), imma li x'aktarx ikollhom effett immedjat negattiv għax iwaqqfu l-mixi tal-vers meta ma jinftehmux. L-idjolett jingħalaq fih innifsu, ma jikkomunikax, u bla dubju kull poeżija ta' Azzopardi trid tinqara f'nifs wieħed bħala sfog.

**Unità**

L-unità tal-messaġġ (fl-antik, l-ispirazzjoni) tidher fl-istruttura waħdanija li tiregola kull komponiment u li huma lkoll marbutin flimkien permezz ta' xibka ta' motivi rikorrenti: il-werżieq/grillu (35, 51, 86), il-qamar (66, 79, 99, 106), l-istilel (75, 98, 106), is-sing (52, 57), il-kandidat/deputat (44, 95), kollha simboli ta' theddida (mis-sopranaturali? minn min jilgħabha t'hekk fuq din l-art?). Partikolarment interessanti huma l-każi ta' immaġni miktuba mill-ġdid: "il-grillu li qagħad jishar/miegħi fl-ewwel lejl/illum m'hawnx aktar ħossu" (36) cfr. "xxennaq il-werżieq biex jibda jgħanni/iżda llum l-insett immuta" (51); "qed tisma' l-werżieq jobrox l-orazzjoni" (51) cfr. "ħabbejt orkestrat il-brix tal-werżieq" (86, titlu "orazzjoni"); "bejn il-barumbari tal-kerrejja" (50 cfr. "fil-vetrini ta' ħwienet żgħar jissikkaw lil xulxin" (64); "fl-agħdajjar kien hemm jgħumu wċuh it-tfal" (61) cfr. "uċuh it-tfal/bħal karti maqtugħin minn djarju sena ilu/qed jgħumu f'wiċċ l-ilma" (96).

L-iktar eżempju interessanti ta' awtoċitazzjoni hu dak li jorbot dal-volum ma' *Dwal fil-persjani: mhux il-lejla*, vv. 7-9, 'dawk mhux stilel bla ħtija/iżda ponot ta' sjuf lesti/għalik u għalija", cfr. *Demgħat tas-silġ:* jekk

*tħoll il-velu*, vv. 9-11, "dal-ħin innies rieqda/jgħassuna biss truf is-sjuf ta' l-allat jonogħsu/miljun sejf u miljun ponta". Ta' min jinnota *1* il-passaġġ mill-paragun għall-metafora (aktar essenzjali), *2* G. Verga, *Storia dell'asino di S. Giuseppe, (Novelle rusticane, Tutte le novelle*, I, Oscar Mondadori, p. 297): "le stelle penetravano dal tetto come spade". Każ ta' sempliċi fonti letterarja, jew eżempju ta' poeta mitkellem mil-lingwa tiegħu skond it-teorija semjoloġika? Ir-risposta trid ħafna xogħol, u probabbli li f'Azzopardi iżjed hemm influssi Anglo-amerikani milli Taljani. Imma jekk l-ewwel daqqa t'għajn tikxef riferiment bejn Azzopardi u Verga, Palazzeschi (61, 63), u Dante ("għalhekk dawn id-demgħat tas-silġ/miġmugħin fuq ċnut għajnejja", 32, cfr. *Inferno* XXXII 47-8: "...e 'l gelo strinse/ le lagrime tra essi [gli occhi] e risserrolli"), studju aktar profond jista' jagħti riżultati tassew interessanti fir-rabta bejn Azzopardi (mikrokożmu, *parole*) u "l-univers tal-kultura" (makrokożmu, langue).

---

*Dr Joseph M. Brincat teaches Italian at the Upper Secondary School, Valetta, and the University. He won the Malta Literary Award* 1978 *for his edition of Giovan Matteo di Meglio's* Rime.

---

## III NOTI BIBLJOGRAFIĊI DWAR XI POEŻIJI

### demgħat tas-silġ (p. 32)

Poeżija b'vena lirika, stil li jvarja mill-Azzopardi tas-snin sittin. Hawnhekk il-qilla ironika tal-polemika ddub u tinbidel f'essenza ta' pathos. Qabbel dal-versi ma' *testment*. Dwar dil-poeżija kien ikkummenta Dr. Daniel Massa: "*understatement (takes) over magnificently to register facets of deep emotion*".

### testment (p. 33)

L-ewwel stanza tiftaħ bi speċi ta' reazzjoni kontra t-tradizzjoni mqar waqt episodju ta' finalità ċerta (il-mewt). It-trufijiet folkloristiċi fil-poeżiji ta' Azzopardi, mill-banda l-oħra jixhdu x-xewqa ta' l-estensjoni ta' dak li fl-imgħoddi kien sempliċi, mingħajr kumplikazzjoni. Il-lirika tal-versi hija maħsuda lejn it-tmiem b'espressjoni ta' "bruda" eżistenzjalista. Hawnhekk hawn "l-individwu li ma jistħix ixidd il-bixra tal-kwalunkwiżmu".

### id-dgħajsa tal-latini (p. 36)

Poeżija illustrattiva mnebbha minn ħolma. L-immaġni tad-dgħajsa bħala vejikola tal-mewt għandha konnotazzjonijiet kemm ma' kulturi qodma kif ukoll ma' viżjonijiet ta' l-epoka romantika. It-"tfajla" ta' fuq id-dgħajsa tegħreq, u hawn jinħass mottiv rikorrenti fil-poeżija ta' Azzopardi, i.e. ir-rabta mħabba-mewt. Il-figura ta' missier il-poeta fl-aħħar stanza hija kurjuża u wieħed jista' jaraha kemm bħala simbolu ta' protezzjoni u wkoll bħala simbolu ta'

inkwiżizzjoni fil-ħajja ta' kuljum tal-poeta. Il-kelma "insista" turi li l-poeta ħassu nofs qalb li jerġa' jtenni l-ġrajja tad-dgħajsa.

**lariнġ minn ġaffa (p. 41)**

Motiv ta' erotika li jikkuntrasta mal-morbożità xenika f'sala ta' sptar. It-tieni u l-aħħar stanza jaċċentwaw l-ironija tal-poeżija. Innota l-kliem *fungi twal tal-bellus, kuxxtejha żienja* u *tbeżżel* u l-funzjoni tagħhom bħala konfront mal-bqija tar-reġistru li jevoka l-mewt u ta' dawk li "għandhom lil nieshom imutu l-isptar." L-aħħar vers tat-tielet stanza juri l-perċezzjoni viżiva ta' Azzopardi, fejn anki l-astratt tal-memorja jeħtieġlu jingħata lewn: il-vjola tal-penitenza u l-luttu. Ir-raba' stanza tfakkarna f'dak li kien kiteb il-Prof. Serracino Inglott: "Azzopardi huwa l-ispeċjalista tar-ritratt istantanju." Ta' min ifakkar fil-*close-ups* tal-poeta-pittur jew fid-dettalji li jfittex Azzopardi bħala reġista skrupluż fil-qasam tal-palk.

**varjazzjoni għall-ballata tar-raġel ta' mananni (p. 44)**

Hawn fejn il-poeija ssir il-messaġġ tal-"kelliem importanti għal mijiet u eluf ta' erwieħ oħra muġugħa" (Dr. Paul Xuereb). F'dal-versi tinħass simpatija (mittiefsa bil-meskinità) għas-sotto-proletarjat li ta' spiss huwa manipulat għal finijiet propagandistiċi politiċi. Tinħass il-kundanna ta' l-esplojtazzjoni tal-politika dejqa partiġġjana li l-apiċi tagħha m'hix apiċi ta' aspirazzjoni ideoloġika, iżda l-apiċi li tasal sa l-għatba tal-każin. Is-sotto-kultura tal-fqir, bil-kundizzjonijiet koroh tagħha, inkluż ir-rapport fiżiku intimu sfurzat bejn ir-raġel u l-mara, hija murija fl-għera kollha tagħha. Predominanti hija l-immaġni tat-tfal fil-poeżija; it-tfal mhux biss qed jassistu għar-ritwal grottesk fil-familja, iżda wkoll qed jassorbu tip ta' sotto-kultura li twaqqaf ir-ritmu ta' l-aġġornament mentali tal-poplu.

**bħal turist (p. 45)**

Il-kriżi ta' l-imħabba-mibegħda lejn il-pajjiż hija murija hawn bil-kliem preċiż "j'art parassita li nisħet u nħobb" u "maqsum bid-daħq u bl-uġigħ". Azzopardi jqis il-preżent bħala turija oħra mġebbda tat-tradizzjoni. It-turist hu l-osservatur, donnu l-poeta nnifsu mlibbes xorta oħra biex jinqata' mill-kwadru jew ma jingħarafx. Il-barrani jidħol biss biex jagħti l-assoluzzjoni. Innota d-dispożizzjoni tal-poeta bħala nemmies jew fotografu tal-kotra. Fl-ewwel stanza tinħass sew id-difinizzjoni sfigurata tal-mara Maltija, il-mara karikaturata li tissimboleġġa n-nazzjon (b'konfront dirett mal-mara idealizzata ta' Dun Karm).

**ewtanasja (p. 46)**

"Il-ġlieda kontra l-karikatura ssir billi tinħoloq oħra mill-poeta nnifsu" (Dr. Oliver Friggieri). Hafna drabi l-grottesk f'Azzopardi huwa definit b'daqqiet li jfakkruk f'artisti b'idjoma pittorika punġenti. Dr Paul Xuereb, ngħidu aħna, kien wera kif f'Azzopardi jinħassu l-influenzi ta' xi Salvador Dali, Breughel u Hieronymus

Bosch (ara *The Sunday Times of Malta*, 8.8.1976). It-tħaddim ta' din l-*imagery* dejjem laqat lill-kritiċi t'Azzopardi. Jerġa' hawn ukoll l-iżolament ta' min jisħet u jħobb.

**għodwa (p. 46)**

Il-poeżiji t'Azzopardi ħafna drabi trid taqrahom f'nifs. Hafna drabi jassumu tessitura impressjonistika, fejn il-moħħ donnu qed jaħrab il-loġika komuni u jesplora linji arbitrarji biex jara hemmx soluzzjoni. F'dil-poeżija l-ġardinar jintuża bħala ċerimonjier (flok min dari kien jamministra r-ritwal ta' l-Anġelus f'nofs in-nhar) li jifqa' d-dud. Id-dud li qed jifqa' m'huwiex dud parassit, iżda d-dud tal-friefet, insetti normalment assoċjati mal-ġmiel. "Il-mara ta' l-ilma" aktarx tirrappreżenta simbolu ta' idealizzazzjoni kulturali u estetika (minbarra li l-femminilità hi ossessjoni rikorrenti fil-poeżija) u hija avżata biex ma "tersaqx f'dal-ġnien". Hawn tinħass mixja ta' reġistru ritwalistiku (*xewk ta' Kristu, passiflora, rit, l-anġlu jħabbar*) bħala xhieda li Azzopardi nnega r-reliġjon konformista iżda mhux ir-reliġjosita'. Infatti, mad-"dnub" tal-ġardinar, "tiddardar ix-xemx fil-vaska".

**paesaġġ 1 (p. 50)**

Jerġa' hawn ukoll ir-reġistru mnebbah mill-kult reliġjuż. L-*14-il* stazzjon jevokaw immedjatament il-mumenti ewlenin tal-*via sagra* u fit-tieni stanza l-ħwejjeġ minxurin huma ppersonifikati f'ċittadini kkundannati għall-mewt. Il-mewt hija waħda psikika, mewt intellettwali. Il-materja prima hi folkloristika, iżda r-ruħ hi qerrieda. L-aħħar tliet versi jkomplu jseddqu l-idea ta' aridità mentali: l-arbli tat-televiżjoni (normalment medju ta' tagħrif u aġġornament) huma murija bħal skeletri ta' l-agħsafar fir-"randan", simboli tal-mewt.

**manikata (p. 51)**

Hawn Azzopardi jirreġistra l-ewwel ir-rapport intimu bejnu u bejn mara u mbagħad, fis-serħ momentanju tar-relazzjoni jiddistakka ruħu minn mal-bqija ta' niesu. Infatti hawn jidher l-antitesi *Jien-Huma* hekk kif il-poeta jħoss li hu jappartieni għal ġens li nesa' kif jitlob bis-sinċerità. Dil-kwalità ta' aljenazzjoni kien tkellem tajjeb dwarha Dr. Daniel Massa meta analizza l-poeżiji ta' Azzopardi fit-*Times of Malta*, 18.8.1976. In-natura toffri ħarba oħra, l-att ta' l-intimità għandu minn att ta' tqarbina fit-tempju, intervall qasir ta' serenita', iżda l-*pjanti twal* jixħtu dell ta' thedhid kontinwu. Il-pjanti twal jistgħu jfissru s-sens ta' inkwiżizzjoni kontra l-individwu li għażel li ma jikkonformax u jaqta' bi snienu.

**tokkata (p. 51)**

L-ewwel tliet stanzi jiddeskrivu l-ambjent ċirkostanzjarju. Il-vers tal-ftuħ jagħti indikazzjoni ta' kejl preċiż; il-preokkupazzjoni bil-ħin hija intensifikata bl-introduzzjoni ta' l-arloġġ li ma jridx jikkommetti ruħu fis-sentenza ċerta tal-marid bil-kanċer li jiddomina l-egħluq tal-poeżija. Din hija poeżija oħra ta' simpatija ma' dawk li jbatu, did-darba ma' dawk konfrontati b'mewt fiżika. In-

nota l-progressjoni tal-vokabularju: *dawl imkejjel, arloġġ, sala mortwarja.*

**is-sajjieda tal-barrakki (p. 52)**

Terġa' l-inkwiżizzjoni li tkompli tipprovoka s-separazzjoni bejn il-poeta u l-bqija. Nerġgħu ninnutaw il-punt ta' tluq tradizzjonali jew folkloristiku li jintuża f'kuntest pagan biss għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-qofol tal-protesta hija l-isfiduċja. Interessanti d-daħla li għamel għal din il-poeżija l-Prof. P. Sarracino Inglott fil-ktieb *Limestone 84* (1978).

**karmni ta' taħt il-pont (p. 56)**

L-aħħar vers tal-poeżija jiftaħ beraħ it-tieqa għall-interpretazzjoni ta' l-element sesswali f'Azzopardi. Jagħmel żball ikrah min jifred l-erotiku fil-poeżija Azzopardjana mis-serjetà kuntestwali tagħha, l-iktar fid-dwal tal-psikanaliżi freudjana. Mill-banda l-oħra, Karmni ta' taħt il-pont hija figura oħra persistenti tas-sottoproletarjat li Azzopardi jixtiequ emanċipat, mhux passiv u "alla m'għamel".

**fuq l-għatba ta' lukanda (p. 61)**

Dwar it-taqsima tal-ktieb imsejjaħ *Pellegrin*, Dr. Daniel Massa kiteb hekk: "*Azzopardi registers his rejection through physical exile. In the broader expanses of Europe, a fugitive, he wanders unsurely towards a permanent release ... the people he meets belong to nightmare, he is surrounded by spies who would dissipate his humanity. Eyes watching recur in practically all the poems in Pellegrin.*"

**tliet nisa suwed (p. 62)**

L-aħħar vers jerġa' jevoka r-ritwal, din id-darba f'sens ta' katarsi, magħmudija, tindif.

**kemm hi wiesgħa din ix-xtajta? (p. 66)**

L-ispazju tax-xtajta jifrex kollezzjoni oħra ta' tifkiriet li l-poeta jrid jaqsam ma' mara. Ir-rapport raġel-mara f'Azzopardi huwa kważi dejjem frustrat, anki jekk minn xi daqqiet jaslu mumenti ta' passjoni qawwija. F'dalkaż, mar-rakkonti tat-tifkiriet tattfulija, il-mara tal-poeżija bħal ittebbgħet, ġisimha nkesa bir-ramel iswed u "l-qamar tgħatta bl-istrixxa tal-vistù".

**ġjallesk fi primrose park (p. 67)**

Poeżija li nkitbet Londra u li turi kif Azzopardi jissintetizza kull esperjenza u jagħtiha interpretazzjoni momentanja. Is-sitwazzjoni mqanqla filpoeżija hija waħda misterjuża u tiffokka fuq il-muntanja tal-poeta għaddettal skrupluż. Mill-ġnien enormi pubbliku, Azzopardi jagħżel li jeżamina siringa li lemaħ aċċidentalment mormija fuq il-ħaxix. Tant hija penetranti u fitta l-konċentrazzjoni fuq is-siringa, li l-labra u t-tubu ta' l-injezzjoni ma jibqgħux biss ħwejjeġ mormija, iżda jsiru ħjiel ta' investigazzjoni dwar xi ħadd (assenti) li għadda minn waqtiet ta' tbatija. Mela mil-labra mgħawġa, Azzopardi jrid joqrob lejn xi kundizzjoni umana li terġa' titlob is-simpatija.

**bla xemx jew qamar (p. 76)**

Il-poeżija ta' mħabba f'Azzopardi qatt m'għandha kwalità estetika. Il-metafora femminili fil-poeżija tiegħu toffri mit (myth) ambivalenti. Il-mara (Malta) għandha kwalità goffa, rip-ressiva, repulsiva; iżda mbagħad il-mara-maħbuba tista' tassumi l-figura tal-liberatriċi. Ċerti kritiċi waslu biex jaċċennaw għall-perversità ta' l-Immaġni-Omm f'Azzopardi (immaġni indiretta għax qatt ma titla' fil-wiċċ) fil-waqt li oħrajn raw il-femminilità tad-*Dolce Stil Nuovo*, ġeneru ta' poeżija taljana li ddivinizza lill-Mara.

**bil-betbut igħassilna (p. 76)**

Importanti f'Azzopardi huwa l-vokabularja ċikliku li jindika t-tindif permezz ta' *l-ilma*. Innutaw f'dil-poeżija r-rabta li hemm bejn *"fl-ilma"* u *"għajnejk jibku"*. Fil-waqt li l-ilma huwa simbolu qadim ta' magħmudija, il-biki, id-dmugħ, huma sinjali ta' diqa-sfog li wkoll jistgħu jserrħu. L-aħħar vers tal-poeżija, "sibtek tħobbni", huwa interessanti għaliex iqiegħed lill-poeta fil-post tal-persuna maħbuba fil-waqt li hu bħal jinħasad li hemm min irid jaqsam miegħu l-intimità. Fil-ftuħ tal-poeżija hemm indikazzjoni ta' spazju wiesa' u vojt ("bla qiegħ") li l-poeta ma jafx kif jista' jimtela'. Imbagħad hemm ċertu distakk u ċertu wġigħ ma' l-iskoperta f'għajnejn is-sieħba. It-titlu tal-poeżija jerġa' jindika l-preokkupazzjoni b'elementi li kontinwament jikkontestaw il-motivi u l-atti tal-poeta.

**żewġ qatriet (p. 76)**

Dawn il-versi huma indikattivi tal-manjiera żvelta ta' kif jaħdmu l-assoċjazzjonijiet mentali f'Azzopardi. L-immaġni prinċipali tat-tnebbih hawnhekk hija *inanimata* ("żewġ qtar għajjiena") iżda malajr tibda riesqa lejn progressjoni *animata* u, aktar minn hekk, partikulari (ix-xwejjaħ bla dawl). Wara l-espożizzjoni ta' l-episodju terġa' l-ħemda. Din it-turija spażmatika ta' ġrajjiet u esperjenzi hija karatterista ta' Azzopardi.

"L-agħma fil-kantuniera" huwa rappreżentativ tal-bniedem li jġarrab, il-bniedem mitluf fl-oskurità. Forsi l-kummenti ta' Dr. Joseph Eynaud (Malta News, 1.11.1976) joqogħdu tajjeb għall-immaġni ta' l-agħma: *"Modern man according to Azzopardi is on the edge of a precipice ready to fall down amidst the continuous collapse of human values. The poet rather than giving the reader the dramatic tension of this crisis or declaring himself prophet of new values presents more the imminent consequences."*

**għaxar varjazzjonijiet fuq l-imħabba (p. 79)**

Tiġrib ta' waqtiet liriċi. Intervalli ta' serenità, imqar jekk serenità morbuża. Hawn donnu li l-pittur jaħkem fuq il-poeta u l-kwadru jitkellem waħdu. Innutaw l-idealizzazzjoni tal-mara. Is-senswalità tinħass sewwa, iżda l-passjoni hija mrażżna kwazi għal kollox. Il-kuntatt raġel-mara jitla' mil-livell komuni u jgħaddi biex jitraxxendi l-komunjoni ta' spiritwalità.

**kantaliena lil għajnejk (p. 82)**

Il-motiv huwa l-indeċiżjoni dwar relazzjoni ma' mara. Is-suġġett talpoeżija joffri katalgu ta' analiżi mhux tas-soltu u penetranti sakemm tasal l-aħħar immaġni kattiva ta' xi ħadd li kixef il-verità tard wisq.

**sajfija (p. 85)**

Il-poeżija tiżgħed b'immaġni senswali. Iżda jinħass il-kontroll minn xi forza barranija: infatti hemm referenza "matematika" fl-aħħar żewġ versi tar-raba' stanza li tixhed ir-relevanza ta' wħud mill-poeżiji Azzopardjani mal-kunċett klassiku talpredestinazzjoni. L-aħħar stanza ddaħħal minnufih l-attwalità ta' dettal ikrah (ingwanta) li s-saħħa tiegħu kienet soppressa fl-ewwel erba' stanzi, bħal *leit-motif* fi preludju ta' xi Chopin.

**orazzjoni (p. 86)**

Din il-poeżija tista' tittieħed li hija indirizz kemm għal xi persuna maħbuba jew inkella f'livell iktar mistiku, lil xi Alla (l-Alla ta' Azzopardi huwa ambigwu u jista' jieħu għadd ta' forom).

**rizurezzjoni (p. 89)**

Hawnhekk l-immaġni għandhom millpittura tas-surrejalisti. L-aħħar ftit versi jfakkruk fil-pittura ta' xi Chirico (tajjeb li dawn ir-referenzi pittoriċi jkunu investigati millistudenti t'Azzopardi). Hawnhekk joqogħdu r-riferimenti li kien għamel J. Felice Pace (*Illum*, Awwissu 1976) dwar il-konnessjonijiet sostantivi f'Azzopardi.

**hmem ostja demm (p. 90)**

Il-poeżija hija tnehida mbikkma ta' xi ħadd li għandu bżonn jiftiehem. Terġa' l-idealizzazzjoni tal-mara biex ir-raġel iċedi ruħu f'idejha. Importanti mill-ġdid il-kalkoli metamatiċi (*sebgħin*, *numri*, *teorema*), bħallikieku s-sensibiltà akuta tal-poeta hija mfassla minn xi qawwa fl-"arka tassema". Għal analiżi iktar dettaljata tal-motiv "matematiku" f'Azzopardi ara d-daħla li għamel Dr. Oliver Friggieri għall-ktieb *Passiflora*.

**waqgħet is-sirda (p. 95)**

Fid-daħla tiegħu għall-impressjoni ta' spettaklu bla azzjoni f'għadd ta' poeżiji Azzopardjani, f'p. 13 Dr. O. Friggieri jsemmi l-purċissjoni siekta ta' folla bla identità (*in-nisa xjuħ xegħlu l-lampi tal-pitrolju*). "Kollox hu statiku, kwadru ta' *still life* miżgħud bin-nies fejn kemm il-persuni u kemm l-oġġetti huma elementi ta' dehra waħda". Hawn jinħass it-ton ta' l-eleġija l-ewwel b'riżq poplu sħiħ u mbagħad (ħaġa spissa f'Azzopardi) b'riżq il-kriżi ta' xi ħadd partikulari (f'dal-każ it-tfajla mmankata).

**kont ħsibt li bdejt nifhmek (p. 96)**

It-ton sobriju ta' l-eleġija jerġa' jaħkem dawn il-versi u l-mixja tal-versi għandha mir-ritmu ta' purċissjoni penitenti. Innutaw id-dehra tal-poeta u s-sieħba tiegħu fl-aħħar żewġ versi, iżommu f'idejhom "fjuri suwed" bħallikieku qegħdin jassistu għal xi servizz funebri.

**natura morta 1.30 p.m. (p. 98)**

Dissezzjoni oħra f'burdata pittorika. Il-poeżija timxi konċentrikament 'il ġewwa, bħal lembut ta' deskrizzjonijiet li jibdew *minn barra* (ir-raħal, bit-tiġieġ u l-gallinari b'kollox), *jidħlu fil-kamra* (permezz tal-ventilatur), jimxu lejn il-gradenza u jispiċċaw fil-vaska tal-ħġieġ fejn hemm ħuta mejta. Azzopardi joħloq effett ta' *panning* filmiku, għaddej bil-lajma minn dettal għal ieħor. Dil-poeżija hija indikattiva tal-medji diversi li jħaddem Azzopardi biex iwassal l-arti i.e. il-pittura, il-palk, it-televiżjoni.

**novena lil van gogh (p. 104)**

"In-ngħas tal-komunità" skond Dr. O. Friggieri, jipprovoka f'Azzopardi x-xewqa tas-sagrifiċċju għall-kotra aljenata. Wieħed ma jridx jinsa' li Van Gogh kellu missjoni reliġjuża mal-ħaddiema tal-minjieri. Jinħass fil-bidu tal-poeżija l-motiv ta' deformazzjoni grotteska fil-poetika Azzopardjana: "Taħt id-deformazzjoni hemm l-isfiduċja: l-insult imrażżan, iżda l-ġudizzju bla ekwivoċi...". Il-bnedmin huma rappreżentati mgħawġa, mpittrin bl-esaġerazzjoni, użati għall-parodija.